MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2006

Numru 249/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Joseph Portelli**

Il-Qorti:

**1.** Dan hu appell, interpost minn Anthony Joseph Portelli, kemm mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-22 ta' Gunju 2006, kif ukoll minn zewg digrieti li pprecedew dik is-sentenza.

**2.** Permezz ta' l-imsemmija sentenza, Anthony Joseph Portelli instab hati ta' **pussess u traffikar ta' droga psikotropika u ristretta (*ecstasy*)** kif ukoll li **kommetta dan ir-reat meta huwa kien fid-dmir li jimpedih (Art. 141 tal-Kodici Kriminali)**; huwa gie lliberat mill-imputazzjonijiet l-ohra. Dik il-qorti kkundannat lil Portelli ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin

b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9, kif ukoll multa ta' elfejn lira (Lm2,000) (konvertibbli f'sitt xhur prigunerija jekk ma tithallasx fi zmien sitt xhur). Minbarra dan, permezz ta' l-istess sentenza l-ewwel qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga in kwistjoni u nnominat lill-Ispizjar Mario Mifsud ghal dan il-fini; ordnat lill-hati jhallas l-ispejjez peritali fis-somma ta' wiehed u hamsin lira (Lm51); u ordnat il-konfiska tad-dghajsa ezibita favur il-Gvern ta' Malta.

**3.** Din il-kawza tirrisali ghas-sajf tal-1997, u huwa opportun li jigi traccjat l-*iter* tortwuz u insolitu tal-proceduri li wasslu ghas-sentenza odjerna stante li parti sostanzjali ta' l-appell tikkoncerna proprju dan l-istess *iter*. Fl-20 ta' Awissu 1997, Portelli tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja akkuzat bil-pussess u traffikar ta' medicina <u>specifikata</u> u psikotropika[1], b'pussess kontra l-ligi tad-droga kokajina[2], kif ukoll (ir-raba' imputazzjoni) talli bhala ufficjal pubbliku kkommetta dawn ir-reati li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kien fid-dmir li jimpedixxi[3]. Skond ir-rapport guramentat tal-ufficjal tal-pulizija – rapport li jaghti bidu ghall-istruttorja – dawn ir-reati sehhew f'dawn il-Gzejjer fil-15 ta' Awissu 1997 u fit-tlettax-il xahar qabel din id-data f'forma ta' reat kontinwat. Fil-bidu ta' l-istruttorja l-Avukat Generali, b'zewg ordinijiet separati – wiehed maghmul skond il-Kap. 101 u l-iehor maghmul skond il-Kap. 31 – ara fol. 7 u 8 – ordna li Portelli jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi ta' ksur ta' l-imsemmija zewg Ordinanzi (kien ghalhekk li l-Qorti Inferjuri pprocediet bhala Qorti Istruttorja).

**4.** Wara numru ta' rinviji u wara li nstemghu l-provi tal-prosekuzzjoni (inkluz il-perit nominat mill-Qorti, Dott. Anthony Abela Medici li, fir-relazzjoni tieghu, ikkonferma li d-disghin pillola, allegatament misjuba fil-pussess tal-imputat, kien fihom ***3,4-methylenedioxy-N-***

---

[1] L-ewwel zewg imputazzjonijiet skond ir-rapport guramentat tal-allura Spettur Neil Harrison – fol. 3 tal-attijiet ta' l-istruttorja, li jaqghu taht il-Kap. 31.
[2] It-tielet imputazzjoni skond l-imsemmi rapport, li taqa' taht il-Kap. 101.
[3] Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali.

***ethylamphetamine [MDEA]*** li hija derivattiv tal-MDMA, u ghalhekk droga ristretta u mhux specifikata – ara l-Ewwel Skeda tal-A.L. 22/1985), u wara li l-prosekuzzjoni iddikjarat li ma kellhiex aktar provi x'iggib[4], l-Avukat Generali fit-3 ta' Lulju 1998 hareg kontro-ordni taht il-Kap. 101[5] ghalbiex l-imsemmi Portelli jigi ggudikat, in kwantu ghall-akkuza (it-tielet imputazzjoni) taht l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) mill-Qorti tal-Magistrati minflok mill-Qorti Kriminali. Fl-istess kontro-ordni hemm ukoll imsemmija, bhala parti minn-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, l-Artikoli 18 (ir-reat kontinwat) u 141. Din kienet l-unika nota ta' rinviju ghall-gudizzju, proprjament kontro-ordni skond id-disposizzjoni relattiva tal-Kap. 101, li giet presentata mill-Avukat Generali fit-3 ta' Lulju 1998. Fl-udjenza tas-17 ta' Lulju 1998[6] quddiem il-Qorti Inferjuri – issa allura bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali – l-imputat iddikjara li huwa ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja – dikjarazzjoni alkwantu superfluwa f'dan il-kaz stante li l-kontro-ordni tal-Avukat Generali huwa vinkolanti u ma jirrikjedix il-kunsens tal-imputat bhalma tirrikjedi n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht il-Kodici Kriminali meta si tratta ta' reat li ghandu piena ta' aktar minn sitt xhur prigunerija[7].

**5.** Wara li d-difiza ressqet il-kaz taghha, sar il-kontro-ezami ta' diversi xhieda u anke ddepona minn jeddu l-imputat[8] u gew prodotti xhieda in difeza, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-27 ta' Lulju 2005 – sitt snin wara n-nota ta' rinviju ghal-gudizzju aktar 'l fuq imsemmija[9] – iddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2005 bil-fakolta` li l-partijiet jaghmlu noti ta' sottomissjonijiet.

---

[4] Ara l-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Gunju 1998, fol. 186.
[5] Ara n-nota a fol. 188.
[6] Fol. 189.
[7] Artikolu 370.
[8] Fl-udjenza tad-19 ta' Lulju 2002, fol. 222.
[9] Jigi precizat li hafna mid-dewmien – ghalkemm mhux id-dewmien kollu – kien dovut ghad-diversi differimenti mitluba mid-difiza – ara fol. 192, 195, 197, 216, 218, 236, 242, 251, 258. Jekk il-partijiet huma indixxiplinati, jispetta ghall-Qorti li tiddixxiplinahom ghax il-hin ta' kawza li fiha ma jsir xejn seduta wara seduta minhabba nuqqasijiet attribwibbli lil parti wahda jew ohra, jista' jigi utilizzat ghal kawzi ohra.

**6.** Kien f'dana l-istadju inoltrat tal-kawza li l-Kummissarju tal-Pulizija, permezz ta' rikors presentat fid-9 ta' Settembru 2005[10], talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza kif ukoll talab korrezzjoni fl-imputazzjonijiet originali ghax donnu fl-ahhar intebah li d-droga in kwistjoni ma kienitx medicina specifikata izda medicina ristretta. U hawn bdiet sensiela ta' zbalji li jirrendu dan il-process aktar uniku milli rari. L-ewwel qorti, flok ma cahdet it-talbiet tal-Kummissarju tal-Pulizija kif kellha taghmel stante l-istadju inoltrat tal-kawza – ara f'dan is-sens ukoll il-kumment ta' din il-Qorti, sedenti l-Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono, fis-sentenza tal-14 ta' April 2005 fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur N. Lanzon) v. Rita Zammit*** – b'digriet datat 28 ta' Settembru 2005[11] issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, ordnat il-korrezzjonijiet kif mitluba mill-Kummissarju tal-Pulizija[12], u ordnat li l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali. Galadarba din il-qorti kienet Qorti ta' Gudikatura Kriminali, difficilment wiehed jista' jifhem ghala jew taht liema disposizzjoni tal-ligi l-atti hekk intbaghtu lill-Avukat Generali. Kien probabbilment minhabba n-novita` tal-procedura addotta mill-ewwel qorti li l-Avukat Generali semplicement irreagixxa billi baghat lura l-atti lil dik il-qorti b'"risposta" ghar-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija fis-sens illi huwa (l-Avukat Generali) kien "jaderixxi mat-talba tar-rikorrent u ghal-istess ragunijiet"[13]. Din il-Qorti tinnota li l-parti l-aktar interessata bit-talba tal-Kummissarju tal-Pulizija – Anthony Joseph Portelli – sa dana l-istadju hadd ma ndenja jinnotifikah bir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija!

**7.** Fl-udjenza tad-9 ta' Novembru 2005 – ara fol. 272 – u dejjem quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, il-prosekuzzjoni regghet talbet "bdil fl-akkuza". L-imputat, pero`, meta gie mistoqsi mill-qorti jekk kienx qed jaghti ruhhu b'notifikat bl-emenda fl-akkuza kif ordnata bid-digriet tat-28 ta' Settembru 2005, wiegeb fin-negattiv. F'dana l-istadju l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) *ex officio* issollevat il-fatt li l-kontro-ordni tat-3

[10] Fol. 268.
[11] Fol. 270.
[12] Korrezzjonijiet li huma, allura, issa riflessi fis-sentenza appellata.
[13] Fol. 271.

ta’ Lulju 1998 kien biss fir-rigward tal-Kap. 101 u mhux ukoll fir-rigward tal-Kap. 31, u ghalhekk regghet, ghat-tieni darba, baghtet lura l-atti lill-Avukat Generali.

**8.** Fil-21 ta’ Novembru 2005 l-Avukat Generali baghat lura l-atti lill-ewwel qorti (li allura donnha issa regghet saret Qorti Istruttorja, u hekk fil-fatt jindirizzaha fin-nota ta’ rinviju), invoka l-Artikolu 432(2)(3) tal-Kodici Krminali, u talab li l-istruttorja tibda mill-gdid u tinghalaq fi zmien hamest ijiem tax-xoghol. Il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), issa mill-gdid bhala Qorti Istruttorja (ara l-verbal a fol. 276), fl-udjenza tat-28 ta’ Novembru 2005 <u>u fl-assenza tad-difensur tal-imputat</u> reghhet bdiet il-kumpilazzjoni, u rregistrat is-segwenti: “L-imputat jaghti ruhhu b’notifikat bl-atti kif korretti u jiddikjara illi x-xhieda kollha li nsetmghu f’dan il-kaz taw ix-xhieda taghhom b’mod regolari u ghandhom jigu trattati daqs li kieku xehdu wara li sar l-ezami mill-gdid illum u qed jezenta l-Prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq l-istess xhieda mill-gdid.” Immedjatament wara dan, il-Qorti regghet, ghat-tieni darba, gibdet l-attenzjoni ta’ l-Avukat Generali ghall-fatt li n-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju ossia kontro-ordni li sa dak il-hin kien ghad hemm fl-atti, kienet tirreferi biss ghall-Kap. 101 u mhux ghall-Kap. 31, u baghtet l-atti lura lill-Avukat Generali. <u>Fl-ahhar</u>, fis-7 ta’ Dicembru 2005, l-Avukat Generali ghamel kontro-ordni skond l-Artikolu 120A(2C) tal-Kap. 31 – fol. 280.

**9.** L-appellant jilmenta, fost affarijiet ohra, mill-mod kif inbidlu l-imputazzjonijiet bid-digret tat-28 ta’ Settembru 2005, u qed jappella kemm minn dak id-digriet kif ukoll mid-digriet tad-9 ta’ Marzu 2006 li permezz tieghu l-ewwel qorti (issa mill-gdid Qorti ta’ Gudikatura Kriminali) cahdet it-talba ghar-revoka *contrario imperio* ta’ dak id-digriet tat-28 ta’ Settembru 2005. L-appellant ghandu, imbaghad, aggravju iehor – pjuttost sekondarju – li hu fis-sens li l-multa nflitta ma setghetx tigi konvertita f’sitt xhur prigunerija stante li meta allegatament sehh il-kaz il-ligi kienet tipprovdi ghal rata ta’ konversjoni differenti. Ghalhekk l-appellant qed jitlob li dina l-Qorti, prevja r-revoka tad-digriet tat-28 ta’ Settembru 2005, tilqa’ l-appell fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata tat-22 ta’ Gunju

2006 billi, flwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitux hati ta' xi mputazzjonijiet, thassarha u rirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' pussess u traffikar ta' droga psikotropika u ristretta kif ukoll fejn ikkundannatu ghal xi forma ta' piena minhabba tali sejbien ta' htija.

**10.** Din il-Qorti bla tlaqliq tghid li l-appellant ghandu ragun. Wara li l-ewwel qorti, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, halliet (fis-27 ta' Lulju 2005) il-kawza ghas-sentenza fuq l-atti u l-provi li kellha quddiemha – u li kienu ilhom quddiemha mill-kontro-ordni u nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-3 ta' Lulju 1998 – ma setghet issir ebda korrezzjoni fl-imputazzjonijiet kif mitlub mill-Kummissarju tal-Pulizija bir-rikors tieghu tad-9 ta' Settembru 2005. Dan jinghad mhux biss ghax il-proceduri kienu diga` qabzu l-istadju tad-difiza, izda wkoll ghax bil-kontro-ordni u nota ta' rinviju ghall-gudizzju tat-3 ta' Lulju 1998 maghmulin biss taht il-Kap. 101 – u allura b'referenza biss ghall-akkuza originali ta' pussess ta' kokajina – l-Avukat Generali gie li qed jirrinunzja ghall-imputazzjonijiet originarjament miguba taht il-Kap. 31. Hu probabbli li dan sar bi zvista da parti tal-ufficjal addett mill-process fl-Ufficcju ta' l-Avukat Generali, pero` galadarba l-Avukat Generali f'Lulju tal-1998 ma pprocediex aktar fir-rigward tal-imputazzjonijiet taht il-Kap. 31 (billi la ghamel id-debitu kontro-ordni u anqas ma jirrizulta li pprezenta xi Att ta' Akkuza fil-Qorti Kriminali), l-unika konkluzzjoni li wiehed jista' jigbed fi process penali bhal dak in dizamina hi li l-Avukat Generali kien hekk qed jirrinunzja ghall-dawk l-imputazzjonijiet. Ma jistax wiehed, snin wara, jipprova jillapazza u jaghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet kostanti tal-prosekuzzjoni billi l-ewwel jipprova jbiddel l-imputazzjonijiet biex flok referenza ghal medicina specifikata ikun hemm referenza ghal medicina ristretta, u wara anke jipprova jirravviva imputazzjonijiet li kienu gew abbandunati. Kif diga nghad, anqas tista' din il-Qorti tifhem kif, wara snin bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, dik il-qorti setghet, *marte proprio*, tikkonverti lilha nnifisha f'Qorti Istruttorja: dan ma kienx il-kaz, kontemplat fil-*proviso* tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 370 tal-Kodici Kriminali, li waqt is-smigh tal-provi f'kawza li giet reza sommarja *ab initio* skond l-imsemmi subartikolu

(4) irrizulta xi reat li kellu piena ta' aktar minn erba' snin prigunerija; anqas ma kien il-kaz ta' proceduri, originarjament sommarji, fejn fil-kors tas-smigh tal-provi tal-prosekuzzjoni rrizulta reat li jeccedi l-kompetenza tal-Qorti ta' Gudikatura Kriminali – fejn allura japplika l-Artikolu 389 tal-imsemi Kodici. Dan kien kaz fejn il-Qorti l-ewwel ipprocediet bhala Qorti Istruttorja u in segwitu, b'decizjoni insindakabbli ta' l-Avukat Generali, giet konferita lilha l-kompetenza li tiggudika fil-meritu b'ridimensjonament tal-imputazzjonijiet. Kienu ghalhekk inapplikabbli wkoll is-subartikoli (2) u (3) tal-Artikolu 432 peress li dawn japplikaw meta jkun hemm kumpilazzjoni (istruttorja) li ghadha ghaddejja u l-attijiet ikunu ghand l-Avukat Generali in virtu` ta' l-istess kumpilazzjonui. U, biex tkompli tghaqqad kollox, jidher li mis-sentenza tat-22 ta' Gunju 2006 riedet ukoll tappella l-prosekuzzjoni, tant li l-Kummissarju tal-Pulizija ippresenta nota ta' appell ghall-finijiet tal-Artikolu 414(1) tal-Kodici Kriminali – pero` ppresentaha *fuori termine* b'gurnata. Fi kliem Milton: *confusion worse confounded* [14]. L-Avukat Generali ma appellax. Din il-Qorti tawgura li ma jergax jigi quddiemha process simili.

**11.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell u, prevja li tirrevoka *contrario imperio* id-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Settembru 2005, tirriforma s-sentenza appellata tat-22 ta' Gunju 2006 billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dawk il-partijiet fejn sabet lil Anthony Joseph Portelli mhux hati kif ukoll fejn ordnat id-distruzzjoni tad-droga (salv dak li ser jinghad aktar 'l quddiem), thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' traffikar ta' droga psikotropika u ristretta, fejn ikkundannatu ghall-piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, fejn ikkundanntu multa ta' elfejn lira, fejn ordnatlu jhallas l-ispejjez peritali, kif ukoll fejn ordnat il-konfiska tad-dghajsa, u minflok tllibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena. Kwantu ghad-distruzzjoni tad-droga, din il-Qorti ma tarax ghala l-Amministrazzjoni tal-Qorti ghandha tinkorri f'aktar spejjez

[14] "With ruin upon ruin, rout on rout, confusion worse confounded." *Paradise Lost,* Bk. II, Line 995.

bin-nomina tal-Ispizjar Mario Mifsud biex jeffettwa din id-distruzzjoni, u ghalhekk tordna li d-droga tigi distrutta mir-Registratur tal-Qrati ta' Ghawdex li ghandha tirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il gurnata mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------